Minuti tal-laqgħa numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR)li nżammet fil-5 ta' Awwissu, 2020 fis-6.10pm fi 30 & 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier* |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

Dr Karl Muscat daħal fis-6.30pm

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-membri qalu t-talba flimkien.

20.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġiji** — Talba

Kienu mressqa dawk tas-Sinjuri Rudolph Grima u Nazju Cassar. Dawn kienu milqugħa mill-membri preżenti.

20.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru dsaax (19)** — Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għall-vot mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u kienu ssekondati mis-Sra Doris Coleiro u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

**Punti mill-Minuti**

Refurbishment tal-latrina pubblika

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ix-xogħol ta' *refurbishment* tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Hu qal illi issa wasalna fil-fażi finali u se naraw jekk is-soqfa humiex tajbin ħalli jekk ikun meħtieġ, induruhom. Dwar it-tielet *WC cubicle*, kien deċiż illi jekk il-katusa hija miżduda, din tkun trasformata f'maternitiy room u jkun hemm il-faċilita' tal-*breast feeding* u tkun mgħammra wkoll b'*nappy changer*. Dwar l-attendant, hu importanti ħafna illi jkun hemm xi ħadd magħha u kien appuntat Paul li spiċċa unemployed minħabba problemi ta' saħħa u l-KLR se jiddiskuti miegħu fuq il-prezz.

Tender tal-Uffiċini tal-Kunsill

Is-Sindku stieden lis-SE sabiex jitkellem dwar l-offerta pubblika tar-*refurbishment* tal-uffiċini. Is-SE qal illi din issa waslet biex toħroġ u ma ħarġitx qabel minħabba is-*sampling (literature) list* li kien jinħtieġ li jagħtuna l-Perit Charles Buhagiar u s-Sur Carlo .

*Resurfacing* u Bankini

Is-Sindku stieden lis-SE sabiex jitkellem dwar l-offerta pubblika tar-*resurfacing* u l-bankini. Is-SE qal illi wara li tkellem mas-Sindku, kien deċiż illi l-offerta tinħareġ fuq *resurfacing* biss bil-bankini tradizzjonali tal-konkos u toħroġ oħra simultanjament għall-bankini tal-*porfido / lava* u *paving blocks* (madum).

Xogħlijiet fil-Baħrija

Is-Sindku tkellem fuq ir-*refurbishment* tal-bandli tal-Baħrija minn Brian Caruana. Hu qal illi issa kważi kollox lest u kellna nikru l-van ta' Brian stess biex naħdmu. L-MTIP waħħlu l-*canopy* u jonqos li nwaħħlu s-*cctv cameras* wara li se nġibu l-kurrent elettriku fil-latrina, għax m'hemmx.

Tliet dipartimenti differenti

Is-Sindku ta rendikont dwar il-ħidma tal-istaff tal-Kunsill. Hu qal illi filwaqt li Paul Tanti se jkun inkarigat mill-indafa, Brian Caruana se jkun fdat bl-embellishment. Hu qal illi għad irridu nimpjegaw persuna oħra fil-futur sabiex tkun qed tissorvelja il-qtugħ tal-ħaxix fl-*outskirts.* Min-naħa tal-istaff klerikali, upgradjajna l-computers kollha għal-*laptops* u żidna żewġ linji tat-telefon, filwaqt li issa għandna lil Stephen bħala xufier biex jiddokumenta u jieħu r-ritratti fuq barra u lil Mark Buhagiar sabiex

jassisti billi jmur jagħmel il-qadi. It-tnejn tal-aħħar kienu strumentali biex il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart din il-ġimgħa stess seta' jneħħi l-i*skip* ta' Triq Santa Katerina u jagħtu reċipjenti iżgħar lir-residenti t'hemmehekk kif kienu għamlu wkoll fil-Kunċizzjoni.

Reċipjenti personalizzati flok *skips*

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-persuni meqjusa vulnerabbli li għandu ngaġġati miegħu il-kuntrattur tal-knis tat-toroq. Hu qal illi se jingħataw sett ta' uniformijiet ġodda filwaqt li l-pagi għall-kenniesa qed jitqassmu direttament minn fuq din il-mejda tal-kamra filwaqt li dawn qed ikunu sorveljati bil-gps li jippossedi kull kennies.

Kuntratt tal-knis tat-toroq

Is-Sindku semma' l-proġett ta' Triq Għeriexem mill-MTIP fejn se jitwessa' l-belveder. Hu qal illi se naraw kif se jkun imħaddem l-immaniġjar tat-traffiku biex isir il-proġett mal-awtoritajiet konċernati sabiex nassiguraw li ma tingħalaqx it-triq filwaqt li bħalissa hemm Triq ta' Saura magħluqa wkoll. Ħafna mix-xogħol li diġa' nbeda', jikkonċerna t-tisħiħ tas-sies tat-tafal ta' taħt it-triq li se jitneħħa qabel tidħol ix-xitwa u bl-ilma li jaqa' ma jkun jista' jaħdem ħadd.

Proġett ta' Triq Għeriexem.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem dwar l-ilma li kien qed jinġemgħa qabel ma kienet miksija bit-tarmak il-Pjazza tas-Saqqajja minħabba li qed jaqa' ħafna weraq mis-siġar. Hu qal illi antiċipajna u bdilna katusa tal-ilma tax-xita li tagħtu fuq ir-riħ tal-għajn fit-telgħa tas-Saqqajja, ma' waħda aktar wiesgħa biex l-ilma ma jkomplix jgħarraq quddiem in-niċċa ta' San Pawl. Dan l-aħħar il-kuntrattur Spekna għamel trinka għall-Enemalta u l-pjazza inksiet kollha bil-qatran.

Pjazza tas-Saqqajja (*culvert* tal-ilma mibdul ma wieħed aktar wiesgħa)

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu flimkien mal-kunsillier Chris Farrugia u s-SE attendew għal *Press Conference* dwar il-*Community Policing* li saret fil-Fgura dwar is-servizz li se jibda' jkun qed jopera mir-Rabat. Bħalissa qed jingħaqad it-team li se jkun qed iservi lill-komunita' tar-Rabat.

Community Policing

Is-Sur Ian Vassallo talab illi ssir manutenzjoni fi Triq San Piju V li niżlet 'l isfel fil-kantuniera ma' Triq Sant Aristarku. Peress li l-KLR se jasfalta partijiet minn Triq San Piju V, se naraw li nintegraw din il-parti li hija meqjusa bħala *Service Road* wara *central strip*. Is-Sur Vassallo talab ukoll illi parti mis-Central Strip isservi ta' parkeġġ.

Manutenzjoni fi Triq San Piju V

20.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Works Order 29 u Ċedola tal-pagamenti numru 310**

Dawn id-dokumenti kienu approvati skont kif muri fuq il-kopji oriġinali. Dwar it-trinka fl-iskeda tax-xogħlijiet numru 28, item numru 4, is-SE se javża lil Kris Grech fejn se jsir il-gandott tal-ilma fil-Fiddien, filwaqt li ntalbet spjegazzjoni dwar l-iskavar propost fil-Pjazza tal-Knisja u oħra f'Għar Barka.

Skeda tal-pagamenti u tax-xogħlijiet

20.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Dr Karl Muscat tkellem dwar il-WIFI4U. Hu talab aktar informazzjoni dwar dan il-proġett li se jgħaqqad il-komunita' Rabtija mal-bqija tad-dinja. Is-SE se jiċċekkja jekk il-WIFI li hemm installati fil-Pjazza tal-Parroċċa hux parti minn dan il-proġett li qed ikun assistit b'fondi Ewropej.

WIFI4U

Is-Sur Ian Vassallo staqsa dwar il-proġett ta' pavimentar taz-zuntier li waqaf. Is-SE qal illi hu infurmat illi kien hemm xi diffikulta mis-Sovratendenza għal-Wirt Kulturali peress li kien hemm xi tħaffir, minkejja li dawn ma qaxxrux fil-fond. Intant is-Sindku qal illi issa twaħħlu l-lanterni dekorattivi tad-dawl tat-toroq propju f'Misraħ il-Parroċċa u l-kuntrattur kellu jibdel il-*wires* kollha li kienu mgħoddijin minn taħt l-art. Intant hemm bżonn titħaffer trinka quddiem il-każin tal-PL biex jinbidel dak li hemm maqrus taħt it-terrapien.

Pavimentar taz-zuntier u l-lanterni ta' dawl dekorattiv tal-Pjazza tal-Parroċċa.

Intqal ukoll illi dwar il-proġett tar-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju se jkun hemm bżonn li jinketeb *write up* fuq il-media. Intant il-KLR jaħseb li jkun jista' jaqdina Dun Ġwann Azzopardi.

*Write up* dwar ir-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju

Dr Karl Muscat tkellem dwar l-iskema tal-qtates li l-KLR applika għaliha. Hu qal illi jħoss li għandna npoġġu dawn il-*cat shelters* filwaqt li l-cat feeders iridu jnaddfu warajhom. Għal dan il-kliem, is-Sur Kris Grech ippropona li nlaqqgħu lill-istess cat feeders filwaqt li s-SE qal illi qed nieħdu *stock* ta' kemm hawn *cat feeders* fir-Rabat u kemm qed jieħdu ħsieb qtates. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus saħaq biex aktar milli niddiskutu dwar il-*cat feeders* niddiskutu dwar *animal welfare* u qal illi fir-Rabat għandna l-festa ta' Sant Antnin f'Jannar u wkoll għandna zoo ta' annimali li rridu nikkunsidrawhom ukoll bħala sieħba. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żied jgħid illi bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum ir-Rabat tajjeb li aktar 'il quddiem wieħed jikkunsidra wkoll esebizzjonijiet mil-klieb tal-Pulizija.

Animal Welfare

Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem dwar pariti minn bankina fi Triq Santa Rita sabiex din tiċkien mil-wisgħa tagħha u takkomoda aktar parkeġġ. Dwar dan se napplikaw mal-Awtorita' tal-Ippjanar għaliex se jinbidel l-*alignment* tat-triq.

Bankina fi Triq Santa Rita

Is-Sur Chris Farrugia tkellem dwar il-bankini f'Tal-Virtu' biex jiġu pavimentati bil-mattonċina tal-konkos u jkunu bħal kumplament tat-toroq li jiċċirkondawhom. Is-Sindku qal illi hekk kif joħroġ it-tender tal-bankini se nkunu nistgħu nagħmlu użu minnu għat-tpoġġija ta' mattonċina f'Tal-Virtu'.

Tqegħid ta' mattonċina f'bankina f'Tal-Virtu'

20.05 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Office Administrator**

Il-Kunsill ikkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni u ma qabilx miegħu. Infatti se jkun ingaġġat is-Sur Marco Scerri u jkun iffirmat il-kuntratt mingħajr ma toħroġ offerta pubblika oħra skont kif rakkomandat.

*Office Administrator*

20.06 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta Pubblika ta' Ġnien Bir Iljun**

Il-Kunsill ikkonferma r-rapport ta' evalwazzjoni li kien ikkunsidrat fil-laqgħa preċedenti, issa li kellu dan f'idejh, jiġifieri biex Mica Med jingħataw dawn ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Ġnien Bir Iljun.

Ġnien Bir Iljun.

20.07 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tas-Soft Areas (Ġonna u ċanet bil-ħamrija)**

Il-Kunsill ikkonferma r-rapport ta' evalwazzjoni li kien ikkunsidrat fil-laqgħa preċedenti, issa li kellu dan f'idejh, jiġifieri biex lots 2, 3 u 4 jingħataw lil Carmelo Gauci u lot 1 tingħata lis-Sur Carmel Mifsud.

Soft Areas u ġonna pubbliċi

20.08 Jum ir-Rabat 2020

Dwar is-serata għal Jum ir-Rabat minn mindu kienu ltaqgħu biex jiddiskutu is-Sra Doris Coleiro u s-SE, kien kien hemm żieda ta' persuni li reġgħu kienu nfettati bil-Covid 19, tant illi anke l-Knisja ħassret il-pellegrinaġġi minħabba li ġemgħat ta' 'il fuq minn 100 ruħ ma' jistax ikun hemm. Għalhekk kien deċiż illi l-attivita' ta' Jum ir-Rabat ma ssirx. Għal proposta li jingħata Ġieħ ir-Rabat xorta waħda, intqal illi mhux sew illi dan jingħata f'serata li jkun hemm fiha biss mhux aktar minn 100 persuna. Kien hemm proposti inizjattivi oħrajn bħat-tpoġġija ta' bukkett tal-fjuri fuq il-monument tar-Rabat (il-Ħaġra). Intant kunsillier semma' jekk hux possibbli li jdoqqu banda miż-żewġ każini, iżda issa sirna nafu illi anke l-marċi kienu sospiżi. Intqal illi madankollu hu importanti ħafna illi jitilgħu il-bandieri mal-arbli li hemm fuq is-Saqqajja u l-pubbliku jkun imħeġġeġ iżejjen il-galleriji bil-pjanti.

Jum ir-Rabat

20.09 **Raħal il-Letteratura – Fondazzjoni HELA**

Din it-tema ma kienetx eżawrita għaliex il-kunsillier li xtaq jitkellem dwarha kien assenti.

Raħal il-Letteratura

| | | |
|---|---|---|
| 20.10 | **Varjazzjoni ta' ħaddiem minn sebgħa għal tmienja tal-istreet cleaners f'operatur (handyman: Quinton Gauci)**<br><br>Kien hemm qbil unanimu biex issir din il-varjazzjoni fil-kuntratt. | Varjazzjoni fil-kuntratt tal-knis |
| 20.11 | **Varjazzjoni mill-kuntratt tal-ġbir tal-iskart biex jinbidlu żewġ refuse collection vehicles** (€165.20 extra per collection (i.e. 2 collections on Monday; 1 collection on Wednesday, Thursday, Friday and Saturday) x 6 times weekly = €51,542.00 per annum<br>Kien hemm qbil unanimu biex issir din il-varjazzjoni fil-kuntratt għax kienet deskritta bħala waħda neċessarja għall-indafa tar-Rabat. | Varjazzjoni fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart preżenti |
| 20.12 | **Proposta oġġezzjoni fuq: PA/04282/20 –** Alterations and minor additions to Nursery Class 2C, and conversion to Class 3A Guesthouse and ancillary cafeteria, demolition of part of Nursery on Triq San Rokku, excavation and construction of garages guesthouse at ground floor level, 4 apartments at 1st floor, 4 apartments at 2nd floor 4 apartments at 3rd floor and 2 penthouses<br>Kien hemm qbil unanimu biex issir din l-oġġezzjoni biex il-bini jkun jirrispekkja l-arkitettura u l-istorja marbuta mal-Knisja ta' San Bastjan li tmiss ma' dan l-iżvilupp. | PA 4282/20 |
| 20.13 | **Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart Apri – Ġun 2020**<br>Ir-rapport finanzjarju ipprovdut mill-accountant, Ms Romina Perici Ferrante kien ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv u kien diskuss. Dan kien approvat b'vot unanimu mingħajr l-ebda' korrezzjoni. | Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart |
| 20.14 | **Punti Oħra**<br>Ara l-Minuti tal-laqgħa li kellu l-KLR mal-Perit Charles Buhagiar A & CE. | Punti Oħra |
| 20.15 | **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa intemmet fid-21.10pm u l-Kunsill se jsejjaħ il-laqgħa li jmiss nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2020 fis-6.00pm. | Tmiem |

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula mis- | Sur Anthony Bonello u approvati llum 26 ta' Awwissu, 2020 mis-<br>Segretarju Eżekuttiv | Sur Sandro Craus<br>Sindku |

*Laqgħa li kellu l-Kunsill Lokali tar-Rabat mal-Perit Charles Buhagiar A& CE nhar il-5 ta' Awwissu, 2020 dwar l-użu tal-ispazju tal-Iskola Primary A fi Triq il-Kulleġġ, ir-Rabat.*

- Fit-20.10pm kienet sospiza l-agenda tal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex tkun diskussa din il-materja wara li konna pprovduti bl-istudji li saru mill-istess Perit Charles Buhagiar.

- Il-Perit qal illi l-proposti għandhom ikunu kollha tali li jkun rispettat il-karattru taz-zona urbana (Urban Conservation Area) tar-Rabat peress li qed nitkellmu illi din hija prattikament estenzjoni tal-Mużew Wignacourt. Infatti l-bitħa hija l-arja tal-istess Mużew Wignacourt (magħruf bħala l-Kulleġġ)

- Hu qal illi għaldaqstant ma tistax tintmess il-faċċata.

- Il-proposta ewlenija tal-Kunsill wara li ddiskuta fid-dettall dwar dan l-ispazju li se jkun irkuprat malli joħorġu t-tfal minn din l-iskola eżistenti, hu:

(i) proposta biex isir Health Centre u jiżdiedu s-servizzi bħal X-ray, Plaster Room u Minor Theatre
(ii) proposta biex ikun hemm Day Centre għall-Anzjani u
(iii) propost Child Care Centre
(iv) propost Għassa tal-Pulizija biex il-Community Policing ikun ukoll ibbażat fir-Rabat

- Xi kunsillieri qalu illi mhux possibbli li ċertu faċilitajiet ikunu amalgamati għalkemm dan hu kollu dibattibbli u bħala eżempju issemmew iċ-child care centre u d-Day Centre.

- Kien deċiż illi l-ewwel naraw x'inhuma l-bżonnijiet tal-Health Centre u niddiskutu dwar dan mal-Onor Chris Fearne, il-Ministru tas-Saħħa. Jekk dawn imbgħad ma jaċċettawx it-talba (jista' jkun minħabba spazju għall-abbulanzi ecc) għandna nikkunsidraw servizzi oħrajn bħall-dawk tal-Pulizija.

- Il-Perit C Buhagiar qal illi ġaladarba joħorġu tal-Health Centre, il-KLR għandu jikkunsidra bis-serjeta' li jmur fiċ-Ċentru Ċiviku għaliex bħala sit huwa aktar idejali minn dak ta' Triq il-Kbira.
- starting point - naraw x'inhuma n-needs tal-Health Centre

**(IFFIRMATA)**

Punti meħuda minn Anthony Bonello
(Segretarju Eżekuttiv)